**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Settembru 2018**

Kawza Numru: 11/2018MS

Go plc (C22334)

vs

Mark Luigi Alwan (KI 124098M)

It-Tribunal

Ra' l-avviz prezentat fil-21 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet lil dan it-Tribunal li tikundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€826.21) flimkien mal-ispejjes, drittijiet u imghaxijiet legali, in konnessjoni ma servizzi provduti, liema servizzi huma migbura fil-kont numru 40639806.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici mal-avviz tat-talba. (Dok A, B, C u D.).

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smigh fis-27 ta' April 2018

Ra illi l-konvenut ma pprezentax risposta u lanqas ma deher jew baghat rapprezentant quddiem dan it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba.

Ra illi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2018 xehdet Mirima Curmi rapprezentanta tas-socjeta' attrici fejn kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien ghadu dovut l fl-intier tieghu u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-process

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, s-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' €826.21 in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni provduti minnha lill-konvenut.

Illi fis-seduta mizmuma nhar l-1 ta' Gunju 2018, ir-rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur

ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad il-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura fuq imsemmija, la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta attrici m'ghandhiex mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta attrici rnexxielha tipprova t-talba filwaqt li l-konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €826.21, bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awwissu 2017. Spejjez a karigu tal-konvenut.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*